KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 28

Is-sitta u għoxrin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 9 ta' Marzu 2021 fis-6pm. Il-laqgħa saret ġewwa s-sala.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Viċi Sindku |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Ilona Fenech | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | David Muscat | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Vivien Galea Pace | Kunsilliera |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.13:*

*28.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*28.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*28.5 Rapporti;*
*28.6 Bye Laws dwar Kabini u Bye-Laws dwar Stabbilimenti tal-ikel;*
*28.7 Items Oħra;*
*28.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*28.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*28.10 Mozzjonijiet*
*28.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 28.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

28.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsilliera D.Muscat, V.Galea Pace u E.Borg. Żied illi l-kunsillier W.Vella Baldacchino informa li se jittardja minħabba impenji oħra.

## 28.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

28.2.1 Saru l-korrezzjonijiet kif huma indikati fuq id-dokumenti oriġinali tal-Minuti. Il-kunsillier K.Wain ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier P.Portelli issekonda l-proposta. Il-minuti ġew approvati unaniment. *Minuti nru 26*

28.2.2 B'referenza għal punt nru 26 4 1 il-kunsillier P.Radmilli qal illi deċiżjoni għanda tittieħed biss meta nirċievu l-informazzjoni kollha meħtieġa. Il-kunsillier K.Wain qal illi wieħed irid jikkonsidra wkoll il-ħmieġ illi jħallu l-għasafar u l-effett tal-ħmieġ tagħhom fuq il-ħamrija.

**Il-kunsillier J.Pillow daħal fis-18:37**

28.2.3 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi fil-Minuti ma tidhirx it-talba tiegħu biex isir audit tat-tipping fees fit-tnax ix-xahar ta' Covid imqabbla mat tnax ix-xahar ta' qabel Il-kunsillier J Pillow qal illi din diġa bdiet.

28.2.4 B'referenza għall-Minuti tal-laqgħa li saret fil-23 ta' Frar sabiex jiġu approvati l-Financial Statements, il-kunsillier P.Radmilli ppropona li jiġu approvati. Il-kunsillier A.Debono ssekondaħ.

## 28.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

28.3.1 Is-Sindku qal illi saret laqgħa mall-avukat dwar il-kontijiet li rċevejna mingħand l-ARMS u l-avukat qabel illi nagħmlu protest ġudizzjarju. *Kontijiet fuq areas mhux devoluti*

28.3.2 Is-Sindku qal illi izjed tard matul il-ġimgħa se ssir laqgħa mar-rapprezentanti tal-Cats Cafe sabiex nibdew il-proċess tar-relokazzjoni tal-post. *Cats Cafe*

28.3.3 Is-Sindku qal illi wara diversi snin waslet il-kuntratt minn naħa tal-Lands għad-devoluzzjoni tal-area tal-Exiles. Żied illi hemm bzonn tiġi riveduta peress illi taw ftehim ta' ħames snin biss [renewable kull ħames snin] li ma tagħmilx sens għat-tip ta' proġett illi nixtiequ nagħmlu aħna. Żied illi hemm bzonn nitkellmu sew ukoll fuq il-proposti tagħna, kif ukoll fuq il-kondizzjonijiet peress illi t-talba tagħna hija bbazzata fuq il-proġett illi għandna fil-ħsieb.

28.3.4 Is-Sindku staqsa jekk hemm update rigward l-applikazzjoni ta' The Ferries [Public Convenience]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi trid tiġi pproċessata minn naħa tal-SPI's izda kien hemm korrespondenza tul dawn il-ġimgħat u għal xi raġuni kienu qegħdin jibbazaw l-applikazzjoni tagħna fuq waħda antika. Qal illi issa għandom kollox u qegħdin jipproċessaw applikazzjoni ġdida. Żied illi ma jistax ikun hemm 2 applikazzjonijiet lil Lands fl-istess ħin imma l-fatt illi dik ta' Exiles issa waslet għandna, jemmen illi din għanda tiġi pproċċesata issa.

28.3.5 Kien hemm talba sabiex titħawwel siġra tal-għargħar b'tifkira lejn it-tmenin sena anniversarju tat-traġedja li kien hemm f'triq Santa Rita fit-Tieni Gwerra Dinjija. Din għanda ssir fil ġnien max-Xatt quddiem triq Santa Rita. Il-kunsillier J.Pillow qal illi għandna tiġi f'area fejn ma tkunx ta' ostaklu meta nġu nagħmlu x-xogħolijiet tagħna.

28.3.6 Is-Sindku qal illi saret il-laqgħa dwar Time Controlled Residents Parking Scheme flimkien mas-CEO, id-Deputat CEO u s-sur Michael Cohen, tat-TM fejn ħass illi għandu jirringrazzja lill-Ministru talli bagħat it-talba tagħna lil dawn is-sinjuri. Il-kunsillier

P.Radmilli staqsa x'inhu l-pass li jmiss. Is-Sindku rrisponda li għandna nirċievu follow-up.

28.3.7 Rigward l-issue tal-bridge ta' Manoel Dimech is-Sindku qal illi hemm bzonn illi ssir id-dawl mall-ġnub tal-ponta, waqt illi r-rinovazzjoni għanda ssir bi spejjez tal-kuntrattur li għamel il-ħsara.

28.3.8 Is-Sindku qal illi l-kuntrattur li ħa t-tender għax-xogħolijiet fuq il-monument ta' Ċensu Apap kellu problemi biex jagħmel ix-xogħolijiet u qed jipprova jsib il-ħaddiema biex jgħinu biex jagħlaq il-proġett.

28.3.9 Dwar il-Public Convenience ta' Ferro Bay, il-permess ħareġ u l-Perit qed jaħdem fuq il-BOQ.

28.3.10 Is-Sindku qal illi fost il-kuntratti li hemm bzonn illi joħorġu, hemm bzonn urġenza fuq it-tender tad-dawl. Il-kunsillier P.Radmilli talab illi ssir elenku tal-kuntratti li skadew u għandom joħorġu u tiġi rikonoxxuta l-perjodu tat-terminu li joħorġu u li jiġu evalwati. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qed ikun hemm dewmien fuq ċerti evalwazzjonijiet u din qed toħloq problemi ma min applika.

28.3.11 Is-Sindku qal illi t-tqassim tal-maskli bdiet b'ħeġġa kbira pero donnu kollox waqqaf. Għad hemm kwantita minnhom il-Kunsill. Wara diskussjoni ġie deċiż illi se terġa ssir post fuq Facebook waqt illi l kunsilliera se jieħdu ftit minnhom għan-nies.
Il-kunsillier K.Wain issuġerixxa li nużawhom għall-kampanja edukativa għax għad hemm nies illi ma jilbsuhomx izda din ma tkunx possibli jekk m'hemm ħadd biex iqassamhom.

28.3.12 Il-kumpanija ta' Gasan għamlu talba biex triq il-Kbira [il-parti bejn Għar il-Lembi u triq it-Torri] tinbiddel it-traffic flow sabiex karozzi joħorġu minn naħa ta' Tower Supermarket. Is-Sindku qal illi se jħalli f'idejn il-Kunsill izda ma jaqbilx għall-fatt illi fil-passat diġa klen hemm resistenza qawwija minn residenti tal-area.
Wara diskussjoni ma kienx hemm qbil mall proposta ta' Gasan.

28.3.13 Saret laqgħa ma kumpanijiet li joffru servizz ta' E-scooters illi talbu li fil-futur isiru areas fejn iħallu l-iscooters tagħhom sabiex jintuzaw mill-pubbliku. Dawn se jibdew billi jagħmlu wħud minnhom ġewwa hotel partikolari fil-lokalita u ġie deċiż illi wara li jitqegħdu hemm u narawhom, tiġi kkonsidrata jekk nagħtu No Objection biex isiru

postijiet oħra għall-pubbliku.

28.3.14 Is-Sindku qal illi rċieva mingħand MAGG li talbu No Objection sabiex isiru monument biex tikkommemora dawn iz-zminijiet ta' Covid. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li din isir izda mhux qabel ma naraw dahar il-pandemija. Is-Sindku qal illi t-talba kienet sabiex din isir bejn il-monument tal-familja u l-Fortizza.

## 28.4 TWEĠĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET

28.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mibgħuta.

## 28.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

28.5.1 Il-Kunsillier J.Pillow irrimarka li r-rapport tal-ġonna ma waslitx għal darb'oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għamel kuntatt dwar din u rrizulta li peress illi l-Contracts Manager qed idur biex jieħu xi ritratti u inspections oħra, mhux qed ilaħħaq. Għalhekk qal illi issa intbagħtet messaġġ lill-istaff sabiex jibagħtu lil Contracts Manager biss fuq ilmenti li għandom x'jaqsmu mat-tenders, kostruzzjoni u ġodda.

28.5.2 Il-kunsillera J.Pillow qal ukoll illi kien hemm korrespondenza fejn ħass illi l-Contracts Manager kien qed iwaqqaħ għaċ-ċajt meta qal illi hemm bzonn illi ssir biċċa xogħol u hu rrimarka li m'għandix isir għax ma jaqbilx illi din ix-xogħol tista ssir. Kien qed jirreferi għall-istands illi kellom isiru mas-siġar ta' The Strand.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi nibagħtu xogħolijiet lill-kuntratturi, waqt illi l Contracts Manager ikun cc'd. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi mhux kompetenza tal-C.M biex jieħu deċiżjonijiet. Se tintbagħat korrespondenza sabiex hu jkun jaf ir responsabbiltajiet tiegħu skont il-kuntratt.

28.5.3 Is-Sindku qal illi waqt illi qal ftit ilu li kien kuntent bis-servizz tal-knis tat-toroq, fil-ġranet illi għaddew ra li morna pass lura. Qal ukoll illi l-laqgħa m'għandix isir face to face mall-kuntrattur u għal din ir-raġuni se ssir online.

28.5.4 Il-kunsillier J.Pillow qal illi fit-tender tal-ġbir tal-iskart hemm miktub illi l-kuntrattur għandu juża RCV's Euro 6 u mhux qed izomm mall-obbligu tiegħu. Għandu jonnora t-tender.

**26.6 Bye-Laws dwar Kabini u Bye-Laws dwar Stabbilimenti tal-Ikel**

26.6.1 Il-kunsillier P.Radmilli ta rendikont fuq il-Bye-laws. Qal illi fl-aħħar ġranet irċevejna risposta mill-Ministru dwar il-Bye-Law tal-boroz illi jitħallew miftuħin fejn il-Ministru ssuġerixxa 2 bidliet. Waħda minnhom hija l-isem tal-Bye Law biex tinqara 'Skart marbut sew sabiex jinġabar' minflok il-proposta oriġinali. It-tieni waħda tgħid illi m'għandix tkun inkluza t-tip ta' skart li qegħdin insemmu peress illi din diġa hija stipulata fil-liġi. Żied illi konna daħħalna din il-biċċa biex inkunu ċari biss. Ippropona li naċċettaw dawn il-bidliet u kien hemm qbil unanimu.

28.6.2 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm zviluppi oħrajn bil-bye-laws fejn tnejn minnhom ġew approvati [stabbilimenti ta' ikel fil-beraħ; kabini]. Għad fadal tnejn oħra: dik li tittrata l-attivitajiet fil-beraħ u dik dwar vetturi ta' riklamar. Dwar l-ewwel waħda bagħtna lil avukat wara li talbu biex niddentifikaw x'inhuma dawn l-attivitajiet, waqt it-tieni waħda għada ma waslet l-ebda risposta. Ippropona li meta dawn jidhru fuq il-Gazetta tal-Gvern, isir eżerċizzju ta' PR u għarfien sabiex min qed jiġi irregolat minn dawn il-bye-laws jiġi konformi magħhom.
Kien hemm qbil illi naħdmu fuq din l-eżerċizzju ta' PR fejn se nuzaw il-medja soċjali u Press release sabiex ikun hemm għarfien dwarhom.

**28.7 Items Oħra;**

28.7.1 Is-Sindku qal illi avviċċinawħ residenti ta' Falcon House li jixtiequ li jkun hemm ftehim simili għall-ġbir tal-iskart bħal dik ta' Belmont Heights. Il kunsillier P.Radmilli qal illi għandom bzonn jiltaqaw fuq il-post ħalli jaraw x'arranġamenti jistaw isiru.

28.7.2 Is-Sindku qal illi tpoġġew bins ġodda ġo Bisazza str. u ix-Xatt fejn hemm 22 b'kollox. Staqsa jekk hemm qbil illi nixtru boroz għalihom jekk is-CSD ma jipprovduwhomx. Rigward il-boroż il-ħodor is-S.E issuġerixxa li nitkellmu mall-GreenPak.
Kien hemm qbil illi dawn jiġu provduti mill-Kunsill f'kaz illi s-CSD

ma jġibuhomx.

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat u bil-qbil tal-Kunsill il-laqgħa tista tkompli. Kien hemm qbil unanimu.**

**28.8 Rapporti tas-Sotto Kumitati**

28.8.1 Il-kunsillier P.Radmilli ta rendikont tar-rapport tal-Kumitat tal-fondi. Kopja tar-rapport se tkun meħmuza ma dawn il-Minuti. Fost il-punti li qajjem kienu:

28.8.2 Il-PA approvaw fondi għall-proġett li għanda ssir flimkien mall-Parroċċa tal-Karmnu izda skont il-kuntratt se jagħtu l-flus lill-Kunsill. Ippropona li dawn imorru dirett lejn il-Parroċċa. Kien hemm qbil mall-proposta.
Qal ukoll illi hemm ħafna xogħol li rrid isir mill-Perit tagħhom u malli tiġi ffirmata l-ftehim għandu jkun konxju tall-obbligi tiegħu.
Wara dan kollu se jkun hemm promozzjoni li x-xogħol sar grazzi għall-Kunsill.

28.8.3 Dingli str.: Ikkoordinajna laqgħa biex nispjegaw lil PA għalfejn hemm dawn l-ispejjez zejda. Din il-laqgħa għanda ssir wara li titlesta l-Variations Form.

28.8.4 Ċensu Apap: B'żieda ma dak illi qal is-Sindku fil-bidu tal-laqgħa, hawnhekk il-Perit għandu jieġu ritratti ta' kull stadju u jekk se jkun hemm spejjez zejda ghandu jagħraf lil PA mill-ewwel

28.8.5 Tony Nicholl: Ittieħed deċiżjoni fil-kumitat illi jekk il-Perit ma jħossux komdu bix-xogħol, u peress illi diġa kien hemm dewmien kbir, insibu Perit ieħor.

28.8.6 Playing Fields: Il-kunsillier J.Pillow ippropona li fondi jintuzaw għall-fencing ta' Ġnien Bonello De Puis. Il-kunsillier K.Wain qal illi barra l-fencing hemm bzonn ta' uffiċjal ta' sigurta fuq il-post. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi dan m'għandux x'jaqsam mas-suġġett dwar kif għandom jintuzaw il-fondi. Il-kunsillier J.Pillow qal illi l-fence għanda tkun tal-injam, għolja 1.5metri.

28.8.7 Attivitajiet Kulturali Annwali: Il-kunsillier P.Radmilli qal illi jekk jaqblu l-kunsillier P.Portelli u D.Muscat jgħinu sabiex naraw illi talenti mil-lokalita jmorru sa Bialystok bħala parti miġ-ġemelaġġ.

Il-kunsilliera P.Portelli ssuġerixxa li l-kunsillier A.Debono jidħol ukoll la għandu kuntatti mall-każini. Kien hemm qbil unanimu.
Kien hemm qbil ukoll illi għal SPI.SCI.3.2021 l-applikazzjoni ssir sabiex jitilaw bandisti biex idoqqu fil-festivals illi jsiru ġewwa Bialystok, flimkien mall-President ta' kull soċjeta, membri tal-eżekuttiv ta' kull soċjeta u il-Kappillan ta' kull parroċċa.

28.8.8 Urban Greening: Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-kunsillier J.Pillow kien ġibed l-attenzjoni li hemm problemi infrastruturali fl-area li għandom jiġu indirizzatti qabel ma jitħawlu siġar. Il-proposta tal-Kumitat kienet sabiex nibagħtu lil IM biex jgħinu fix-xogħol tal-culverts u li t-tender tiġi finalizata wara. Se nzommu lil Ambjent Malta involuti fil-korrespondenza. Kien hemm qbil unanimu.

28.8.9 Skema Reġjun Ċentru: Avolja sa issa m'għandnix BOQ f'idejna ressaq proposta biex napplikaw għall-audio books ħalli l-affarijiet ikunu f'idejna malli nirċievu l-approvazzjoni. Kien hemm qbil unanimu.

28.8.10 Small Initiative Grant: Hemm €100,000 għal ħames kunsilli għall din l-inizjattiva fejn il-ħsieb kien biex isir community gardening fil-ġnien Independenza. Qal illi minn naħa tal-MEUSAC diġa waslet l-approvazzjoni biex naħdmu fuq l-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel unaniment.

28.8.11 DPF: Għad hemm €200,000 biex jintuzaw għall-NGO's wara li l-applikazzjonijiet kollha l-oħra jammontaw għall-ammont ta' €500,000. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi rridu nkunu ċari li l-proġetti tagħhom ma jaqbzux l-ammont allokat għal kull NGO.

28.8.12 Spinning Photos: Għada jonqos l-aħħar ftit fondi. Il-ħsieb kien li jintuzaw għall-kappella z-zgħira li hemm quddiem Stella Maris. Il Kunsill qabel unaniment.

28.8.13 Niċċeċ: Ġie diskuss il-possibilita li nuzaw DPF għan-niċċeċ ukoll Izda l-Kunsill jista japplika biss għal 70% jekk mhux ma entita oħra. Għalhekk kien hemm proposta sabiex din isir ma Din L-Art Ħelwa. Kien hemm qbil unanimu.

28.8.14 Kien hemm qbil unanimu mar-rapport u ringrazzjament mis-Sindku lejn il-kunsillier P.Radmilli għax-xogħol illi qed jagħmel.

**Il-kunsillier P.Portelli talab biex ikun skuzat fl-21:42**

**28.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

28.9.1 J.Pillow staqsa dwar il-pagament tas-swali. Sala tal-Parroċċa tintuza għall-klassijiet u staqsa għalfejn dawn se jintuzaw jekk ma jistax ikun hemm izjed minn sitt persuni. Id-direttiva kienet ezistenti wara l-invoice, kif ukoll huwa l-Kappillan li irid jara li hemm inqas minn 6 persuni, kif ukoll jekk se jkomplu dawn il-klassijiet.

28.9.2 Il-Kunsillier J. Pillow qal illi ma kienux jafu l-kunsilliera kollha li se jinbidlu d-dawl tal-Kunsill kollu. Is-S.E qal illi waqt illi ma ġiex diskuss fil-laqgħa, kien hemm bzonn dawl ġdid u waqt illi għandu raġun illi ma intqalx fil-laqgħa kien rahom fil-Kunsill. Wara li nbiddlu dawk illi marru kien hemm bzonn isiru madwar il-Kunsill għall-benefiċċju tal-istaff u anka la huma environmentally friendly.

28.9.3 Il-kunsillier J.Pillow qal illi jixtieq rendikont tal-ispejjez kollha għall-funtani ta' Pjazza Sant'Anna. Dan għalhiex l-FTZD għamlu post biex juru x-xogħol illi għamlu huma wara li tħallew mingħajr manutenzjoni għal ċertu snin. San biex wieħed ikun jista jara l-parti tagħna la l-infieq ħareġ minn naħa tagħna.

28.9.4 Il-kunsillier J.Pillow staqsa dwar il-pagament tal-Website. Is-S.E qal illi din hija l-ispiza għall-manutenzjoni. Il-kunsillier J.Pillow staqsa għalfejn is-site mhix online llum il-ġurnata. Is-S.E qal illi l-kuntrattur ilu li għamel xogħolhu u talab informazzjoni mingħand il-kunsilliera, kif ukoll dwar l-istorja tal-lokalita. Qal illi tah l-info dwar il-lokalita ftit ilu izda ma rċeviex l-informazzjoni kollha li kien hemm bzonn. Qal illi meta marret online għal ftit bħala trial, ma kienx hemm bizzejjed kontentu dak iz-zmien u xorta bdew deħlin rikwesti għall-Bulky eċċ. Għalhekk intefa sakemm intbagħat l-informazzjoni li kellu bzonn

28.9.5 Is-Sindku ressaq il-pagamenti kollha għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier D.Soler propona u l-Viċi Sindku issekondat. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti.

**28.10 Mozzjonjiet;**

28.10.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni

**28.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

28.11.1 Is-Seduta ntemmet fl-22.30. Seduta oħra ġiet imsejħa nhar l-Erbgħa 7 t'April 2021

Minuti approvati llum nhar l-Erbgħa 7 t' April 2021

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**